IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.5.2012
COM(2012) 211 final

2012/0106 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari tal-1999

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari, 1999 (FAC, 1999) ġiet konkluża mill-Komunita' permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/421/KE. Oriġinarjament din ġiet introdotta fis-sittinijiet, u nħolqot bħala strument biex prodotti agrikoli żejda minn pajjiżi żviluppati jintbagħtu b'mod koordinat u aċċettabbli lejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li huma fil-bżonn. Din se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2012, wara estensjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fis-sessjoni numru 104 tiegħu tat-18 ta' Mejju 2011.

L-FAC tal-1999 u l-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ (GTC) tal-1995, huma marbutin fis-sens li l-FAC tista' tiġi estiża biss meta l-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 tkun qiegħda fis-seħħ għall-istess perjodu. Il-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2013, biex b'hekk tippermetti formalment lill-FAC tal-1999 sabiex tkun estiża wkoll għal sena.

Billi l-FAC tal-1999 tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012, il-kwistjoni ta' estensjoni se tkun indirizzata formalment fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari f'Ġunju 2012. Waqt is-sessjoni numru 103 tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2010, membri tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari qablu li jibdew in-negozjar formali mill-ġdid tal-FAC tal-1999. Filwaqt li l-UE kieku kienet tixtieq li n-negozjati jiġu finalizzati sa Ġunju 2011, l-aħħar passi fin-negozjati tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari mmodernizzata huma mistennija li jiġu konklużi f'April 2012, kif u meta l-verżjoni Ingliża u dik Franċiża – it-tnejn li huma awtentiċi b'mod ugwali – tal-Konvenzjoni l-ġdida, jkun hemm ftehim fuqhom min-negozjaturi.

L-FAC tal-1999 tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012 filwaqt li l-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 bil-kondizzjoni li sal-31 ta' Ottubru 2012 sitt Partijiet ikunu rratifikaw il-Konvenzjoni. X'aktarx li jkun hemm lakuna ta' sitt xhur bejn l-iskadenza tal-FAC tal-1999 u d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari. Waqt il-105 sessjoni tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari tat-30 ta' Novembru 2011, il-Partijiet qablu li għandu jiġi evitat li f'ċertu perjodu ta' żmien jkun hemm fis-seħħ kemm l-FAC tal-1999 u l-Konvenzjoni l-ġdida. Il-kwistjoni dwar il-possibbiltà ta' estensjoni ulterjuri tal-FAC tal-1999, se tkun indirizzata b'mod formali mill-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2012. Għalhekk, l-UE trid tipprepara pożizzjoni komuni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE, abbażi tad-diskussjonijiet mal-Istati Membri tal-UE fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja u l-Għajnuna Alimentari (COHAFA) tad-29 ta' Frar 2012, jiffavorixxu l-lakuna ta' sitt xhur minflok estensjoni tal-FAC attwali, għax wisq probabbli li din tal-aħħar se tkun għal sena (sat-30 ta' Ġunju 2013).

Skont l-FAC tal-1999, l-impenji annwali magħmula mill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jikkonsenjaw ammont annwali minimu ta' għajnuna alimentari huma espressi kemm f'ekwivalenti ta' qamħ kif ukoll f'termini ta' valur, u l-impenji attwali huma ta' 1 320 000 tunnellata ekwivalenti f'qamħ u EUR 130 miljun miżjuda magħhom (dan jinkludi t-trasport u spejjeż operattivi oħra). Mill-impenn ta' 1 320 000 tunnellata ekwivalenti f'qamħ, 990 000 tunnellata hu s-sehem ġestit mill-Unjoni Ewropea bħala parti minn ftehim intern tal-UE.

L-estensjoni tal-FAC tal-1999 mhijiex ħtieġa legali li tiffaċilita d-dħul fis-seħħ ta' Konvenzjoni mmodernizzata ġdida, u lanqas mhija imperattiv politiku. L-estensjoni tal-FAC

tal-1999 se twassal għal estensjoni ta' impenn annwali tal-UE biex tipprovdi għajnuna alimentari skont l-Artikolu III(e) tal-Konvenzjoni. Huwa importanti li jkun innutat li għal dawn l-aħħar erba' perjodi ta' rappurtaġġ, l-Unjoni Ewropea ma kinitx f'pożizzjoni li tilħaq l-impenn tagħha f'termini ta' tunnellaġġ. Fl-istess ħin, madankollu, l-UE qabżet bil-kbir il-valur tal-impenji tagħha. Dan huwa fil-biċċa l-kbira minħabba l-fatt li l-UE fl-għajnuna alimentari qalbet għal approċċ modern, li mhuwiex rikonoxxut taħt il-Konvenzjoni attwali.

Jekk l-FAC tal-1999 ma tiġix estiża, se tispiċċa. Sussegwentement, ma jkunx hemm impenji minimi determinati direttament mill-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari, kull parti nnifisha tiddetermina l-ammont minimu ta' impenn li tintrabat li tissodisfa. Din ma jaffettwax l-allokazzjoni baġitarja għall-għajnuna umanitarja tal-ikel u għas-sikurezza tal-ikel skont il-baġit ġenerali tal-UE. Madankollu, jista' jkun hemm konsegwenzi fejn il-popolazzjonijiet/pajjiżi riċeventi jkollhom perċezzjoni negattiva, li b'biża' possibilment jistennew li l-għajnuna/assistenza alimentari se tiddeterjora. Għalhekk, il-komunikazzjoni u d-djalogu huma meħtieġa biex huma jiġu assigurati li l-impenn tal-UE biex tindirizza n-nuqqas ta' sikurezza tal-ikel u tan-nutrizzjoni tal-aktar vulnerabbli se jibqa'. Il-konklużjoni mistennija tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari mill-UE hija prova minnha nfisha, b'impenn qawwi politiku u finanzjarju. Huwa wkoll importanti li jiġi mfakkar li l-UE kienet il-forza li qed tmexxi t-tiġdid tan-negozjati.

2. DISPOŻIZZJONIJIET EŻISTENTI FIL-QASAM TAL-PROPOSTA

L-UE qablet dwar diversi estensjonijiet suċċessivi tal-FAC tal-1999, permezz tad-Deċiżjonijiet li ġejjin:

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/421/KE

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/906/KE

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/317/KE

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/393/KE

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/316/UE

– Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/339/UE

- Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Skont l-Artikolu XXV(b) tal-FAC tal-1999, estensjoni ulterjuri għal perjodu ta' sena hija kkundizzjonata minn jekk il-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 tibqax fis-seħħ għall-istess perjodu. Il-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2013 kif kien deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ fis-6 ta' Ġunju 2011.

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Waqt il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja u l-Għajnuna Alimentari (COHAFA) tad-29 ta' Frar 2012, l-Istati Membri esprimew appoġġ għal spazju ta' sitt xhur żmien u biex l-UE tiżviluppa pożizzjoni li topponi l-estensjoni tal-FAC tal-1999.

Ġbir u użu ta' għarfien espert

Ma kienx hemm ħtieġa ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

4. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Bażi legali

L-Artikoli 214 (1) u (4) u l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

- Sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt kompetenza parallela.

- Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

- L-għażla tal-istrument

L-istrument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja: skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE, dan huwa l-uniku mezz sabiex tiġi adottata l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandha tiġi espressa fi ħdan il-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari.

5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-estensjoni tal-FAC tal-1999 se tkun tfisser li impenji annwali sabiex tiġi fornuta għajnuna alimentari mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu III(e) tal-FAC, se jittawlu b'sena oħra. L-Unjoni Ewropea refgħet ir-responsabbiltà ta' parti mill-impenji meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha fi ħdan l-FAC. Notifika waħda tal-FAC hija kkonsolidata flimkien mal-Istati Membri u ma tindikax operazzjonijiet separati. L-FAC (Artikolu VI) tipprovdi għal trasferiment għas-sena ta' wara u t-trasferiment 'il quddiem minn sena għall-oħra fejn l-impenji jkunu nqabżu, iżda dan qatt ma ġie invokat.

Huwa madanakollu importanti li jiġi nnutat li għal erba' snin konsekuttivi ta' rappurtar: jiġifieri fl-2007/08, fl-2008/09, fl-2009/10 u fl-2010/11 l-Unjoni Ewropea ma kinitx f'pożizzjoni li tlaħħaq mal-impenji tagħha fir-rigward ta' tunnellaġġ.

KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl t'hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jieħu l-pożizzjoni li ġejja f'isem l-Unjoni Ewropea, u jawtorizza lill-Kummissjoni biex għalhekk topponi li jintlaħaq kunsens fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari, skont ir-Regola 13 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari, biex tiffavorixxi estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari.

2012/0106 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari tal-1999

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 214(1) u (4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari tal-1999 (minn hawn 'l quddiem issir referenza għaliha bħala l-FAC) ġiet konkluża mill-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/421/KE[1], u estiża permezz ta' diversi deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari.

(2) L-FAC attwali tiskadi f'Ġunju 2012 u l-kwistjoni dwar hix possibbli l-estensjoni tagħha se tkun indirizzata fis-sessjoni tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari f'Ġunju 2012.

(3) Skont l-Artikolu XXV(b) tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari, l-estensjoni tagħha hija kkundizzjonata mill-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 li tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2013, wara li l-estensjoni tagħha kienet deċiża mill-Kunsill Internazzjonali taż-Zrieragħ fis-6 ta' Ġunju 2011.

(4) Waqt is-sessjoni nru 103 tal-14 ta' Diċembru 2010, il-membri tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari qablu li jibdew il-proċess formali ta' negozjar mill-ġdid tal-FAC, b'sensiela ta' sessjonijiet ta' negozjati.

(5) L-FAC attwali tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012 filwaqt li l-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2013. X'aktarx li jkun hemm lakuna ta' sitt xhur bejn l-iskadenza tal-FAC u d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari.

(6) Waqt il-105 sessjoni tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari tat-30 ta' Novembru 2011, il-Partijiet tal-FAC qablu li m'għandhomx jidħlu fuq xulxin. L-ispazju ta' sitt xhur għandu għalhekk jiġi ppreferut flok estensjoni tal-FAC.

[1] ĠU L 163, 4.7.2000, p. 37.

(7) Il-Kummissjoni Ewropea, li tirrappreżenta lill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari, għandha għalhekk tiġi awtorizzata b'Deċiżjoni tal-Kunsill biex topponi kunsens li jiffavorixxi estensjoni fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari hija li topponi li jintlaħaq kunsens fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari, skont ir-Regola 13 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari, biex tiffavorixxi estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tesprimi din il-pożizzjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President